

# Minuti ta' kura fid-djar tal-kura tal-anzjani

**Kull dar tal-kura tal-anzjani trid tipprovdi ċertu ammont ta' ħin ta' kura għal kull min jgħix f'dik id-dar. Il-kura trid tingħata minn infermiera reġistrati, infermiera 'enrolled', ħaddiema tal-kura personali u assistenti tal-infermiera. Din tissejjaħ ir-responsabbiltà tal-minuti ta' kura.**

## X'inbidel?

Fl-2021, ir-Royal Commission into Aged Care Quality and Safety (ir-Royal Commission) irrakommandat li kull dar tal-kura tal-anzjani għandha jkollha r-responsabbiltà tal-minuti ta' kura ibbażata fuq il-bżonnijiet tar-residenti tagħhom. Il-Gvern Awstraljan għamel dawn il-minuti ta' kura mandatorji mill-1 ta' Ottubru 2023.

## Għalfejn huwa importanti dan?

Il-Royal Commission identifikat li n-numru tal-impjegati hu importanti għall-kwalità tal-kura residenzjali li jirċievu persuni anzjani fl-Awstralja. Il-minuti mandatorji ta' kura jfissru li persuni li jgħixu fi djar tal-kura tal-anzjani madwar l-Awstralja ser ikollhom aċċess aħjar għal kura personali u klinika.

## Kemm ħin ta' kura ser tirċievi kull persuna?

Bħala medja, persuna li tgħix f'dar tal-kura tal-anzjani ser tirċievi 215 minuta ta' kura kuljum, inkluż mill-anqas 44 minuta minn infermier reġistrat. Mhux il-ħin ta' kura kollu ser jingħata wiċċ imb' wiċċ. Per eżempju, attivitajiet bħal żvilupp ta' pjanijiet ta' kura, koordinazzjoni ma' membri tal-familja fuq kwistjonijiet ta' kura u arranġament ta' appuntamenti ma' prattikanti tas-saħħa oħrajn huma inklużi fil-minuti ta' kura.

Peress li l-miri (targets) ta' minuti ta' kura huma kkalkulati bħala medja għar-residenti kollha, ċerti persuni jistgħu jirċievu aktar ħin ta' kura, u oħrajn jistgħu jirċievu anqas, skont il-bżonnijiet ta' kura personali u klinika tagħhom.

## Kif jaħdmu l-miri ta' minuti ta' kura tagħhom id-djar tal-kura tal-anzjani?

Id-djar tal-kura tal-anzjani jaħdmu l-miri ta' minuti ta' kura tagħhom kull 3 xhur (jew kull kwart tas-sena). Dawn huma ibbażati fuq il-bżonnijiet ta' kura ta' persuni li għexu fid-dar fit-3 xhur ta' qabel. Dan ifisser li ser

ikollhom miri differenti kull tlett xhur. Inti, kif ukoll il-familja u l-kerers tiegħek, tistgħu taraw il-miri kurrenti ta' minuti ta' kura tad-dar tiegħek fil-websajt tagħna fis-sezzjoni tad-data: www.health.gov.au/resources/collections/care-minutes-and-247-registered-nurse-responsibility-resources#data.

## Kif nista' nara jekk id-dar tiegħi qegħdiex tilħaq il-miri tagħha ta' minuti ta' kura?

It-twassil tal-miri ta' minuti ta' kura huwa mkejjel bħala parti mill-iStaffing Star Rating għal kull dar tal-kura tal-anzjani. Tista' tara l-iStaffing Star Rating kif ukoll l-ammont ta' ħin ta' kura mwassal fid-dar tiegħek ikkomparat mal-miri tagħha permezz tal-faċilità ta' My Aged Care 'Find a Provider' fuq it-tab tal-iStaffing Star Rating: myagedcare.gov.au/find-a-provider.

Din l-informazzjoni tiġi aġġornata madwar 4 xhur wara t-tmiem ta' kull kwart tas-sena.

Tista' tara dan ukoll fuq il-websajt tagħna: https://www.health.gov.au/resources/publications/service-level-care-minutes-performance-in-residential-aged-care-from-october-2023

## X'jiġri jekk id-dar tal-kura tal-anzjani tiegħi m'għandhiex impjegati biżżejjed?

F'xi partijiet tal-Awstralja, bħal f'żoni reġjonali u rimoti tal-kampanja, id-djar tal-kura tal-anzjani jistgħu isibuha diffiċli li jkollhom il-ħaddiema tal-kura kollha li jkollhom bżonn. Il-gvern qiegħed jaħdem mad-djar tal-kura tal-anzjani kollha biex jgħinhom iġiebu aktar ħaddiema tal-kura. Tgħallem aktar: health.gov.au/topics/aged-care-workforce/what-were-doing.

## X'għandi nagħmel jekk għandi xi tħassib dwar in-numru ta' impjegati fid-dar tal-kura tal-anzjani tiegħi?

Jekk inti mħasseb dwar l-eżatezza tal-minuti ta' kura irrapportati għad-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek, tista' tibgħatilna email fuq ANACCReportingAssessments@health.gov.au.

Il-Kummissjoni dwar il-Kwalità u s-Sigurtà tal-Kura tal-Anzjani tgħin biex tipproteġi l-kwalità tal-ħajja għal persuni li jgħixu fi djar tal-kura tal-anzjani. Fejn hemm tħassib dwar il-kura li qed titwassal, il-Kummissjoni ser tirrispondi. Jekk inti mħasseb dwar in-numru ta' impjegati jew kwalunkwe kwistjoni oħra fid-dar tal-kura tal-anzjani tiegħek, tista' tressaq ilment lill-Kummissjoni billi żżur il-websajt tagħhom fuq agedcarequality.gov.au/making-complaint jew billi ċċempel 1800 951 822. L-ilmenti jistgħu jkunu miftuħa, kunfidenzjali jew anonimi.

## Ejjew nibdlu l-kura tal-anzjani flimkien

Nistiednu lill-Awstraljani biex ikomplu jsemmgħu leħinhom dwar ir-riformi fil-kura tal-anzjani.

Żur **agedcareengagement.health.gov.au**

Ċempel **1800 318 209** (Linja tat-telefon bla ħlas għar-riforma fil-kura tal-anzjani)

Għal servizzi ta' traduzzjoni u interpretar, ċempel 131 450 u staqsi għal 1800 318 209.
Biex tuża n-National Relay Service, żur nrschat.nrscall.gov.au/nrs biex tagħżel il-punt ta' aċċess preferut tiegħek fuq il-websajt tagħhom, jew ċempel lill-Helpdesk tal-NRS fuq 1800 555 660.